PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2187(INI)

28.8.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

b'mozzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data mir-rekords tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) derivata mill-Unjoni Ewropea minn trasportaturi bl-ajru lis-servizz doganali Awstraljan
(2008/2187(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: .....

PR_INI_art114

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL .....**Error! Bookmark not defined.**

MOZZJONI GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data mir-rekords tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) derivata mill-Unjoni Ewropea minn trasportaturi bl-ajru lis-servizz doganali Awstraljan (2008/2187(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal riżoluzzjoni lill-Kunsill minn Sophia in't Veld f'isem il-Grupp ALDE dwar il-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data mir-rekords tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) derivata mill-Unjoni Ewropea minn trasportaturi bl-ajru lis-servizz doganali Awstraljan (B6-0383/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 6, 24, 29 u 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li huma l-bażi ġuridika għal zona Ewropea ta' libertà, sigurtà u ġustizzja kif ukoll għal negozjati internazzjonali ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet fir-rigward tal-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fi kwistjonijiet kriminali;

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/651/CFSP/JHA tat-30 ta' Ġunju 2008 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data mir-record tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) derivata mill-Unjoni Ewropea minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Doganali Awstraljan[1], u wara li kkunsidra l-istess Ftehima,

– wara li kkunsidra l-fatt li skont l-Artikolu 25 tat-TUE, dik il-Ftehima qed attwalment torbot biss fuq bażi proviżorja lil dawk l-Istati Membri li ma joħorġux dikjarazzjonijiet li juru li kellhom jikkonformaw mal-proċedura kostituzzjonali tagħhom stess, kif għamlu l-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, il-Latvja, Malta, l-Olanda, l-Ungerija, il-Polonja u l-Finlandja[2],

– wara li kkunsidra l-fatt li l-bażi legali magħżula għad-Deċiżjoni tal-Kunsill t'hawn fuq li tikkonkludi l-Ftehima, b'mod speċjali l-Artikoli 38 u 24 tat-TUE (tal-aħħar jirreferi għar-relazzjonijiet esterni), teħtieġ li l-Presidenza tikkonsulta l-Parlament dwar l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-politika barranija u tas-sigurtà komuni,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-kwistjoni tal-PNR[3],

[1] ĠU L 213, 8.8.2008, p. 47.
[2] Ftit mill-Istati Membri adottaw dikjarazzjonijiet speċifiċi ppubblikati fil-Minuti tal-Kunsill u li huma aċċessibbli fl-indirizz li ġej: http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/08/st10/st10439.en08.pdf
[3] Riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2003 dwar it-trasferiment ta' dejta personali mil-linji tal-ajru fil-każ ta' titjiriet

– wara li kkunsidra l-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (ECHR) u l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/82/KE,

– wara li kkunsidra l-prinċipji bażiċi tal-kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet, li jimplikaw li l-Parlament se jkun infurmat u kkonsultat bis-sħiħ, u wara li kkunsidra l-fatt li l-Parlament lanqas biss kien infurmat dwar in-negozjati pendenti mill-Kummissjoni u/jew il-Kunsill, b'kuntrarju għal dak li ġara fil-każ ta' Ftehimiet oħra relatati mal-PNR u wkoll matul l-ewwel stadju ta' negozjati mal-Awstralja fl-2003/2004[1],

– b'kunsiderazzjoni li minkejja n-nuqqas ta' rieda tal-istituzzjonijiet l-oħra, il-Parlament għandu jieħu pożizzjoni dwar kwistjoni li taffettwa d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u li hija wkoll attwalment diskussa bħala suġġett possibbli għal-leġiżlazzjoni tal-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 114(3), u l-Artikoli 83(5), u (94) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-..../2008),

1. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:

Dwar aspetti proċedurali

(a) iqis li l-proċedura segwita għall-konklużjoni tal-Ftehima hi nieqsa mill-leġittimità demokratika, għaliex fl-ebda stadju ma kien hemm skrutinju demokratiku sodisfaċenti jew approvazzjoni parlamentari; jinnota li l-Kunsill b'mod regolari jagħżel din il-proċedura għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali li jaffettwaw id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea;

(b) jinnota li minkejja t-talbiet ripetuti tiegħu, il-Parlament fl-ebda stadju ma kien infurmat jew ikkonsultat dwar l-adozzjoni tal-mandat, l-andament tan-negozjati jew il-konklużjonijiet tal-Ftehima; u minħabba f'hekk, iqis li l-proċedura segwita mill-Kunsill ma tikkonformax mal-Artikolu 24 tat-TUE u lanqas mal-prinċipji tal-kooperazzjoni leali;

(c) jinnota li l-approvazzjoni parlamentari fil-livell nazzjonali hija meħtieġa f'biss għaxra

---

transatlantiċi (ĠU C 61 E, 10.3.2004, p.381), Riżoluzzjoni tad-9 ta' Ottubru 2003, dwar it-trasferiment ta' dejta personali mil-linji tal-ajru fil-każ ta' titjiriet transatlantiċi: is-sitwazzjoni tan-negozjati mal-Istati Uniti (ĠU C 81 E, 31.3.2004, p. 105), tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-livell adegwat ta' protezzjoni provdut mid-dejta personali misjuba fir-Rekords tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNRs) trasferiti lejn il-"Bureau of Customs and Border Protection" tal-Istati Uniti (ĠU C 103 E, 29.4.2004, p. 665), **tas-7 ta' Settembru 2006 dwar in-negozjati għal ftehima mal-Istati Uniti dwar l-użu tad-dejta tar-rekords tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) u** tas-7 ta' Lulju 2005 dwar il-ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-gvern Kanadiż dwar l-ipproċessar tad-dejta tal-passiġġieri tal-ajru (API/PNR).

[1] Il-Kumitat LIBE ħa nota wkoll ta' dawn in-negozjati fuq il-bażi tal-Artikolu 29 tal-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar dan is-suġġett. Ara: http://ec.europa.eu/justice_home/fsj/privacy/docs/wpdocs/2004/wp85_en.pdf

mis-27 Stat Membru tal-UE, mingħajr ma jkun hemm ebda possibilità li jiġu proposti xi modifiki; iqis din il-proċedura bħala waħda totalment mhux adegwata; u jinnota li modifiki futuri tat-termini tal-Ftehima se jsiru mingħajr l-approvazzjoni parlamentari fil-livell nazzjonali;

(d) jibqa' fid-dubju dwar il-bażi legali magħżula mill-Kunsill għal ftehima internazzjonali li tikkonċentra biss fuq il-bżonnijiet interni ta' sigurtà ta' pajjiż terz u li m'għandha l-ebda valur miżjud fir-rigward tas-sigurtà tal-UE, tal-Istati Membri tagħha jew taċ-ċittadini tal-UE; għalhekk iżomm id-dritt tiegħu li jidher quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ li pajjiż terz juri d-dubji tiegħu dwar il-leġittimità tal-Ftehima;

(e) jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinvolvu lill-Parlament u lill-parlamenti nazzjonali b'mod sħiħ fl-adozzjoni ta' mandat għal negozjati u fil-konklużjoni ta' kwalunkwe ftehim futur dwar it-trasferiment ta' dejta personali, b'mod partikolari d-diskussjonijiet attwali mal-Korea t'Isfel dwar it-trasferiment tad-dejta PNR;

Dwar l-iskop u r-raġuni

(f) jinnota li fit-test kollu tissemma lista sħiħa ta' raġunijiet, u termini differenti huma użati wieħed ħdejn l-ieħor:

- il-ġlieda kontra t-terroriżmu u delitti relatati u delitti serji oħra, inkluż id-delitti organizzati li huma tranżitorji fin-natura tagħhom (introduzzjoni),
- strettament għar-raġuni tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u delitti relatati u delitti serji oħra, inkluż id-delitti organizzati li huma tranżitorji fin-natura tagħhom,
- ħarba mill-mandat jew mill-kustodja għad-delitti deskritti hawn fuq (Artikolu 5(1)(iii)),
- biex jiġu protetti s-sigurtà pubblika u l-infurzar tal-liġi (introduzzjoni),
- dwana, immigrazzjoni u delitti (referenzi għall-Atti rispettivi fl-introduzzjoni),
- 'fuq bażi ta' każ b'każ' fejn hu meħtieġ għall-protezzjoni tal-interess vitali għas-suġġett tad-dejta jew persuni oħra, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskju ta' mewt jew korriment serju lis-suġġett tad-dejta jew oħrajn (Artikolu 5(2)),
- riskju tas-saħħa pubblika sinifikanti (Artikolu 5(2)),
- sorveljanza u kontabilità tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi r-rekwiżiti skont l-Att tal-Libertà tal-Informazzjoni, l-Att tal-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Opportunitajiet Ugwali, l-Att tal-Privatezza, l-Att tal-Awditur Ġenerali, jew l-Att tal-Ombudsman;

(g) għalhekk iqis li l-limitu tar-raġuni huwa totalment mhux adegwat, li jagħmilha impossibbli li jiġi stabbilit jekk il-miżuri huma ġustifikati u proporzjonati; u li b'riżultat ta' dan il-Ftehima ma jirnexxilhiex tissodisfa l-istandards tal-protezzjoni tad-dejta tal-UE u dawk internazzjonali, jew li tikkonforma mal-Artikolu 8 tal-ECHR, li jeħtieġ limitu preċiż tar-raġuni; iqis li din tesponi lill-Ftehima għal attakk fuq bażi legali;

Dwar il-Protezzjoni tad-Dejta

(h) jilqa' l-fatt li l-Att dwar il-Privatezza Awstraljan għandu japplika bħala test sħiħ għaċ-ċittadini tal-UE, imma hu mħasseb dwar xi eċċezzjonijiet u eżenzjonijiet li jistgħu jħallu liċ-ċittadini tal-UE bi protezzjoni legali mhux kompleta; jemmen li l-Ftehima għandha tkun konformi għal kollox, mhux biss mal-liġijiet tal-protezzjoni tad-dejta Awstraljani, imma wkoll u b'mod primarju mal-liġijiet tal-UE; jinsisti li sempliċi konformità mal-Ftehima ma tistax tieħu post sejba formali tal-adegwatezza, u li mhijiex biżżejjed li l-liġijiet, il-politiki u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta tal-Unjoni Ewropea u tal-Awstralja jaqsmu bejniethom bażi komuni;

(i) jilqa' d-deċiżjoni li d-dejta toħroġ biss bil-kwantità meta tkun anonima;

(j) fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti u d-data li tikkonċernahom, skont il-Ftehima l-Awstralja għandha tipprovdi sistema, aċċessibbli għall-individwi, tkun xi tkun in-nazzjonalità jew il-pajjiż ta' residenza, biex dawn l-individwi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom; sabiex ikunu infurmati l-passiġġieri, hi milqugħa b'sodisfazzjon id-dispożizzjoni tal-amministrazzjoni tad-Dwana li tinforma lill-pubbliku dwar l-ipproċessar tad-data PNR;

(k) bid-differenza tal-Ftehima UE-Stati Uniti, fil-każ li tinqala' tilwima bejn il-partijiet minħabba l-Ftehima Awstraljana, hemm dispożizzjoni għal mekkaniżmu biex jissolva l-kunflitt, u fejn ikun hemm ċans kbir li jkun hemm ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehima, l-awtoritajiet tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta jistgħu jeżerċitaw is-setgħat eżistenti tagħhom biex jissospendu l-ħruġ ta' dejta sabiex jiġu protetti l-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom;

(l) jilqa' l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta għar-reviżjoni konġunta, imma jisgħobbih li għadha ma saret l-ebda skadenza fissa għal reviżjoni bħal din; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jitolbu għal reviżjoni qabel Ġunju 2010, u biex jippreżentaw is-sejbiet ta' dik ir-reviżjoni lill-Parlament;

(m) fir-rigward ta' trasferimenti sussegwenti, jilqa' l-fatt li hemm possibilitajiet limitati għal dawn it-trasferimenti, b'mod partikolari ladarba trasferimenti sussegwenti jsiru biss fuq bażi ta' każ b'każ u d-Dwana żżomm ktieb tal-iżvelar kollu;

(n) jinnota li skont l-Artikolu 2(2), l-ebda dejta m'għandha tinżamm, imma li perjodu ta' żamma ta' 5,5 snin jissemma fl-Anness, punt 12; għalkemm iqsar milli tidher fil-ftehimiet mal-Istati Uniti, il-Parlament iqis li l-proporzjonalità ta' perjodu ta' żamma ta' 5,5 snin ma tistax tiġi stabbilita għax ir-raġunijiet li għalihom id-dejta tal-passiġġier qed tinżamm mhumiex speċifikati b'mod suffiċjenti;

(o) fir-rigward ta' dejta sensittiva, id-Dwana ddikjarat b'mod speċifiku li ma tridx u m'għandhiex bżonn dejta sensittiva, li twassal għall-mistoqsija għaliex ġurisdizzjonijiet oħra bħal ma huma l-Kanada u l-Istati Uniti għandhom bżonnha, u tagħti assigurazzjoni ikbar li d-Dwana attwalment tiffiltra u tħassar dejta sensittiva li hija tista' tirċievi; madankollu, il-fatt li r-responsabilità tal-kontrollur tad-dejta biex jiffiltra dejta sensittiva maħruġa mill-UE tingħata lill-benefiċjarji tad-dejta, per eżempju d-Dwana, hija konsistenti mal-istandards tal-protezzjoni tad-dejta aċċettati,

bħal ma huma dawk tal-Konvenzjoni 108 tat-28 ta' Jannar 1981 tal-Kunsill tal-Ewropa u tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(p) jinsisti li l-iskambju ta' noti diplomatiċi biex tkun emendata l-lista ta' dipartimenti u aġenziji li jista' jkollhom aċċess għad-data PNR, hu metodu inaċċettabbli;

(q) waqt li jitqiesu l-kategoriji ta' dejta ttrasferita lid-Dwana, jikkundanna l-fatt li d-dejta mitluba hija l-istess kategoriji ta' dejta bħal dik tal-Ftehima tal-Istati Uniti tal-2007 (l-34 qasam ta' dejta kienu miġbura f'19-il kategorija ta' dejta, biex tingħata l-impressjoni li l-ammont ta' dejta trasferibbli kien naqas sew, li fil-fatt ma kienx il-każ); ġabra daqshekk wiesgħa ta' data mhix ġustifikata u għandha tkun meqjusa bħala sproporzjonata;

2. Jistieden lill-Istati Membri u lill-parlamenti nazzjonali li attwalment qegħdin jikkunsidraw din il-Ftehima u/jew dik mal-Istati Uniti (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Olanda, Spanja, l-Ungerija, il-Polonja) biex iqisu l-osservazzjonijiet/rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq;

3. Ifakkar lill-Kunsill li, fl-eventwalità ta' dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-ftehimiet kollha dwar il-PNR għandhom ikunu riveduti b'assoċjazzjoni mal-Parlament Ewropew fuq bażi ekwa;

o

o o

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern u l-Parlament Awstraljan.